MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru. 245/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Therese Sciberras**
**vs**
**Raymond Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raymond Borg ta' 41 sena, imwieled Pieta' fit-13 ta' Mejju 1969, iben Joseph u Saverina nee' Zammit u residenti nru. 132, Triq San Kristofru, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 430769(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar il-21 ta' Jannar, 2011, f'xi hin bejn is-1p.m. u s-7.30p.m. mill-fond nru. 46A, Thriliton, Triq il-Kurazza, (Qawra) San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' gojjellerija, flus, apparat elettroniku w/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-

elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (E 2329.37) u bil-lok, u li sar ghad-detriment tal-koppja Nigel u Ruth Bianco u/jew ta' persuna/i ohra ;

2. Fil-21 ta' Jannar, 2011 u/jew wara din id-data, f'dawn il-gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u cioe' lap-top tal-marka VAIO, li jiswa anqas minn elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (E 2329.37) ;

3. Fil-21 ta' Jannar, 2011 u/jew fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qrati Maltin, li permezz taghhom huwa inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat/i ta' natura volontarja ;

4. Finalment nakkuzawh ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mill-Qrati Maltin li saru definittivi w li ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 7 ta' Ottubru 2011 (esebita a fol. 276 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1. fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
2. fl-Artikoli 261, 263, 264(1), 267, 269, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
3. fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u
4. fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru 2011, l-imputat ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Ottubru 2012 ghat-tieni(2) u r-raba'(4) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tat-tieni(2) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 334, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni(2) u tar-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah disa'(9) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------